KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa Pubblika tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

Data: L-Erbgħa 23 ta' Settembru, 2024

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Portelli Cascun – Sindku | |
| | Sur Charles Bonello – Kunsillier | |
| | Sur Ray Deguara – Kunsillier | |
| | Sur Izaak Catania De Giovanni – Kunsillier | |
| | Sur Mark Lombardo – Kunsillier | |
| | Sna Josianne Scicluna – Kunsilliera | 17:56 |
| | Sur Ryan Ellul – Kunsillier | 17:58 |
| | | |
| | Sa Gwenith Calleja – Segretarju Eżekuttiv | |
| | Sa Ritianne Bonnici –Deputat Segretarju Eżekuttiv | |
| Skuzati: | Sur Darren Marmara – Viċi Sindku | |
| | Sur Adrian Tanti - Kunsillier | |

### AĠENDA

### LAQGĦA PUBBLIKA

Is-Sna Ritianne Bonnici ħadet ir-rassenja tal-Pubbliku li għoġbu jattendi fejn tinsab annessa bħala Doc 'A'.

Is-Sindku radd is-salib u rringrazzja lill-membri tal-pubbliku li għoġobhom jattendu għal din il-laqgħa pubblika filwaqt li spjega kif se tkun qed tiżvolġi din il-laqgħa.

Is-Sindku beda jaqra d-dokument anness bħala Doc 'B' fejn jitratta dwar il-Pjan ta' ħidma ta' dawn il-ħames snin li ġejjin.

Hekk kif qara d-dokument kollu, l-Kuns Mark Lombardo ġibed l-attenzjoni lis-Sindku fejn widbu li s-Sindku qara sentenza li ma kinitx fir-rapport li kien ħejja l-Kuns Mark Lombardo stess. Għal dan is-Sindku staqsa lill-Kuns Mark Lombardo għal-liema sentenza kien qed jirreferi, bil-kunsillier Mark Lombardo jwieġeb li s-Sindku kien jaf tajjeb għal-liema sentenza kien qed jirreferi kif ukoll ma' min ġiet diskussa. Għal dan il-Kuns. Mark Lombardo qam u ħareġ barra mill-kamra urtat 17:51.

Is-Sindku qal li din il-materja li qajjem il-Kuns Mark Lombardo se tiġi spjegata fil-laqgħa tal-Kunsill u tkun pubblika. Is-Sindku staqsa lill-Pubbliku jekk kienx hemm xi mistoqsijiet dwar dak li kienu għadhom kif semgħu fil-pjan ta' ħidma.

Għamel l-intervent tiegħu s-Sur Joe Camilleri fejn wera frustazzjoni kif it-trasport pubbliku jasal fil-lokalita' tal-Fgura diġa mimli bid-detriment li ċertu drabi ma jkun jista' jitla' ħadd u l-karozza tal-linja tibqa' għaddejja. Għal dan is-Sindku wieġeb li bħalissa dan il-Kunsill qed jiddiskuti mal-entita' kkonċernata ċioe' Transport Malta biex fil-ħinijiet l-iktar li trasport pubbliku huwa frekwentat ċioe' kmieni filgħodu u anke lura filgħaxija karozza tal-linja tibda titlaq mill-Fgura direzzjoni lejn il-Belt Valletta u oħra direzzjoni lejn il-Fgura biss sabiex b'hekk tal-inqas jitnaqqas l-inkonvenjent lejn ir-residenti Fgurin.

Is-Sindku stieden lis-Sur Charles Micallef sabiex jagħmel l-intervent tiegħu, fejn is-Sur Charles Micallef kompla fuq is-suġġett tas-Sur Joe Camilleri fejn jaqbel li għandha titlaq karozza tal-linja dirett mill-Fgura kemm kmieni filgħodu u anke filgħaxija. Kompla billi qal li dan il-Kunsill għandu jirsisti wkoll sabiex ikun hemm il-faċilita li karozza tal-linja twasslek dirett lejn l-isptar, fejn ħafna drabi l-karozza tal-linja li tiġi minn Ħaż-Żabbar sabiex tieħdok l-isptar tkun diġa mimlija u konsegwenza ta' hekk jiġi

mitluf appuntament tal-isptar. Aċċena wkoll li hemm bżonn li x-xuffiera jkollhom iżjed taħriġ ta' kif għandhom isuqu u jkunu edukati mal-passiġġieri.

Is-Sindku wieġeb lis-Sur Charles Micallef billi spjegalu li l-Kunsill qed joffri servizz ta' trasport li jieħu lill-anzjani kemm l-isptar kif ukoll polyclinic fil-madwar u li dan s-servizz jista' jagħmel użu minnu billi madwar tlett (3) ijiem qabel l-appuntament iċempel il-Kunsill u jibbukja. Is-Servizz jiġi offrut bla ħlas u jiġbor minn quddiem ir-residenza u jerġgħa jwassalhom lura quddiem ir-residenza tagħhom jew fejn mitlub.

Il-Kuns Ray Deguara qal lis-Sinjur Charlef Micallef li jekk iċempel tlett (3) ijiem qabel biex jibbukja dan is-servizz ikun biżżejjed.

Is-Sna Josianne Scicluna daħlet fil-kamra 17:56

Is-Sindku stieden lis-Sna Doris Yeomans sabiex tagħmel l-intervent tagħha, fejn is-Sinjura qalet li fi Triq Mater Boni Consilii taħt il-Lattrina Pubblika hemm ġibjun fejn kif tagħmel ix-xita, l-ilma jibqa' dieħel fil-fletsijiet. Is-Sinjura Doris Yeomans issuġġeriet biex l-ilma li jinġabar ġol-ġibjun jintuża biex issir it-tisqija bih ħalli b'hekk il-ġibjun dejjem ikollu fejn jiġma l-ilma fih. Is-Sindku wieġeb li l-connections ta' taħt l-art saru minn Infrastruttura Malta u l-catchments ġew ikkumnikati ma' dawk ta' Triq Bormla. Is-Sindku kompla billi qal li se jkun qed jivverifika mal-Perit jekk jistax isir xi ħaġa fuq dan. Is-Sinjura Doris Yeomans issuġġeriet biex isiru spralli minn bankina sa bankina, fejn is-Sindku wieġeb li din hi problema peress li maż-żmien dawn it-tip ta' spralli jċedu bħalma ġara fil-main road.

Il-Kuns Ryan Ellul daħal fil-kamra 17:58

Is-Sindku stieden lis-Sinjura Mary Cini sabiex tagħmel l-intervent tagħha, fejn is-Sinjura Mary Cini staqsiet jekk il-ħargiet filgħaxija kinux se jibqgħu jsiru mal-Kuns Josianne Scicluna. Għal dan is-Sindku wieġeb li d-dekasteru tal-ħarġiet qiegħed fir-responsabbilta' tal-Kuns Ray Deguara u dawn isiru minnu. Kompla billi qal li kien hemm tentattiv u bil-permess tal-Kuns Ray Deguara sabiex il-Kuns Josianne Scicluna torganizza hija wkoll il-ħarġiet iżda kien qed ikun hemm tensjoni fuq dawn il-ħarġiet u għaldaqstant għal issa dawn il-ħarġiet organizzati mill-Kuns Josianne Scicluna se jkunu qed jitwaqfu. Is-Sindku kompla billi qal li jekk il-Kuns Josianne Scicluna jidhrilha li trid tibqa' tagħmel dawn il-ħarġiet tista' tagħmilhom f'isimha iżda mhux f'isem il-Kunsill Lokali tal-Fgura bħalma diġa jagħmlu oħrajn. Għal dan is-Sinjura Mary Cini

staqsiet x'jikkonsisti d-dekasteru tal-Kuns Josianne Scicluna 'Nisa fis-Soċjeta'. Is-Sindku qal li l-Kuns Josianne Scicluna tista' ssib mezzi oħra fuq id-dekasteru tagħha. Is-Sinjura Mary Cini qalet li dawn in-nisa li kienu qed joħorġu filgħaxija jixtiequ jibqgħu joħorġu u għal dan is-Sindku qal li ħruġ filgħaxija se jsiru wkoll. Is-Sinjura Mary Cini kompliet tistaqsi jekk hux se jsiru mill-Kuns Josianne Scicluna u hawnhekk is-Sindku wieġeb fin-negattiv u staqsa lis-Sinjura Mary Cini jekk kellhix problema li dawn il-ħarġiet ta' filgħaxija jsiru mill-Kuns Ray Deguara u s-Sinjura Mary Cini wieġbet fin-negattiv. Għal dan daħlet fid-diskussjoni s-Sinjura Doris Yeomans fejn spjegat li hemm niesa li huma single iżda mhumix anzjani. Għal dan il-Kuns Ray Deguara wieġeb li Kuns Josianne Sciclina tista' tibqa' tagħmel ħarġiet ovvjament mhux fi ħdan il-Kunsill. Kemm is-Sinjura Mary Cini u anke s-Sinjura Doris Yeomans baqgħu jinsistu u għal dan is-Sindku wieġeb li ma għandu l-ebda problema li l-Kuns Josianne Scicluna torganizza ħarġiet personali mhux fi ħdan il-Kunsill wara l-battibeki li qamu. Għal dan is-Sinjura Mary Cini uriet li ma kienet xejn sodisfatta.

Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet oħra u stieden lis-Sur Charles Vella biex jagħmel l-intervent tiegħu.

Is-Sur Charles Vella qal li l-Pulizija tal-Komunita' fil-bidu li bdew kienu iżjed viżibbli fit-toroq iżda issa ma tara lil ħadd minnhom. Is-Sindku wieġeb li qabel kienu erba' (4) pulizija tal-komunita' f'kull lokalita' iżda issa żdiedulhom il-lokalitajiet u għaldaqstant iridu jitqassmu fil-lokalitajiet kollha.

Il-Kuns R Ellul talab lis-Sindku biex jintervjeni hu. Il-Kuns R Ellul spjega li l-għasses bħalissa mhux qed ikunu miftuħin b'mod regolari u ta' kuljum iżda bħala referenza għal-lokalita' tal-Fgura hemm l-għassa ta' Raħal Ġdid li qisha sservi bħala l-għassa tad-distrett.

Is-Sindku kompla billi qal li dawn għandhom mobile numbers fejn jistgħu jiġu kkuntattjati

Il-Kuns Izaak Catania Degiovanni żied li l-Kunsill għandu proġett li qed jiġi mfassal dwar app fuq il-mobile fejn kull problema li individwu jista' jkollu jista' jagħmel użu minnha fejn se jkollha ħafna informazzjoni u anke ticketing system.

Is-Sindku kkonkluda fuq dan is-suġġett li l-pulizija se tiġi mitkelma sabiex ikun hawn iżjed preżenza.

Is-Sindku stieden lis-Sur Martin Gatt biex jagħmel l-intervent tiegħu. Is-Sur Martin Gatt tkellem dwar kif il-kenniesa li hawn mhux qed jagħtu każ it-toroq. Is-Sinjur qal li joqgħod fi Triq il-Grawwa. Is-Sur Martin Gatt kompla billi qal li l-kollettur tal-iscammel jekk taqgħalu borża mal-art u minnha joħroġ il-ħmieġ dan ma jagħtix każ u minflok jibqa' ghaddej. Is-Sindku kompla ma' dak li qal is-sinjur fejn l-ironija tkun li għal dak li jkun ħalla l-ħmieġ warajh u ma jkunx għamel xogħolu kif suppost, ikollu jmur il-kennies biex inaddaf warajh. Is-Sur Martin Gatt kompla billi qal li bħalissa Triq il-Grawwa hemm diżastru sħiħ bl-iskola taż-żfin li hemm u kawża ta' hekk qed jispiċċaw jipparkjaw double parking.
Is-Sindku qal li din il-materja se tiġi diskussa fis-sotto kumitat biex fil-kantunieri tat-triq isiru l-bollards ħalli hekk jitnaqqas dan l-inkonvenjent.

Is-Sindku stieden lis-Sur Nicholas Schembri sabiex jagħmel l-intervent tiegħu dwar il-Pulizija tal-Komunita' li s-sinjur għandu karta bid-dettalji ta' fejn jistgħu jiġu kkuntattjati, fejn dan is-sinjur qal li ġieli prova jċempel pero' qatt ma wieġbu ħadd.

Is-Sindku stieden lis-sinjur jiġi fl-uffiċċini tal-Kunsill sabiex tingħatalu karta bid-dettalji oħra għax jista' jkun li d-dettalji ġew mibdula.

Is-Sindku stieden lis-Sinjura Sandra Endrich sabiex tagħmel l-intervent tagħha. Is-Sinjura Sandra Endrich staqsiet dwar l-app minnfejn tista' tiġi nstallata u s-Sindku kkonferma li l-app għadha mhux lesta. Il-Kuns Izaak Catania DeGioavnni kompla mas-Sindku fejn qal li l-app hekk kif tkun lesta tkun tista' titniżżel mill-Playstore / Appstore. Is-Sinjura Sandra Endrich qalet li ma tistax tiftaħ il-bieb tal-gallerija tagħha minħabba l-istorbju tal-karozzi tal-linja peress li l-bus stop tinsab taħt ir-residenza tagħha. Is-Sindku qal li se jsir kuntatt ma' Transport Malta. Il-Kuns Josianne Scicluna staqsiet lis-Sinjura Sandra Endrich għan-numru tal-bus stop fejn din tal-aħħar wieġbet li Bus Stop hija Gallu bin-numru 0438 u jinsab fi Triq Hompesch.

Is-Sindku stieden lis-Sur Donald Spiteri sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Is-Sur Donald Spiteri staqsa rigward il-ħin tal-vann li qed iwassal lill-anzjani fil-Health centres. Is-Sindku wieġeb li bħalissa sa 12pm pero' se jiġi estiż il-ħin u meta jiġri dan se jsir avviż fuq il-mezzi soċjali

Is-Sur Donald Spiteri kompla billi staqsa dwar il-camera ta' Triq Sant'Elija. Dwar dan is-Sindku wieġeb li dwar il-camera l-Kunsill xtraha mill-fondi tiegħu iżda l-Kunsill

mhux entita' li tħarrek lin-nies u għaldaqstant il-camera ġiet imqabbda mal-Aġenzija LESA. Il-controll tower jekk ma tkunx vettura bin-number plate ma tkunx tista' tiġi ddentifikata l-persuna. Qed jipruva jistudjaw l-ħinijiet li fih jinħareġ l-iskart illegali u titħalla persuna pajżana, fejn sa issa nqabdu 2 persuni u weħlu multa għas-somma ta' 250 Euro -il persuna.

Is-Sindku reġgħa rringrazzja lill-pubbliku li attenda u stedinhom biex fejn ikun hemm bżonn jagħmlu kuntatt mal-Kunsill Lokali.

Il-laqgħa ntemmet fis-18:12

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sinjura Ritianne Bonnici
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Data: 23 ta' Settembru 2024

'B'

# Kunsill Lokali Fgura

# Pjan ta' Hidma 2024-2029

**Indafa**

Se nkompli niżgura li fil-lokalità jkollna dejjem aktar indafa. Dan se nkunu qegħdin nagħmluh billi nevalwaw kull possibbiltà ta' servizzi addizzjonali biex inżidu l-effettività f'xogħolna.

Se nkunu qegħdin naraw li nżidu wkoll l-għamara ta' barra. Minbarra l-edukazzjoni li tant hija importanti fit-triq 'il quddiem, irridu niżguraw li ċ-ċittadin tagħna jkollu fejn jiddisponi mill-iskart tiegħu biex inkunu aħna li ngħinuh iżomm l-indafa.

Se nkun qiegħed nara wkoll li nżommu l-konsistenza fejn jidħol ħasil ta' toroq, imma mhux biss, anzi se nkun qiegħed nesplora wkoll possibbiltajiet li dan is-servizz jiġi saħansitra mtejjeb.

District Fgura Park huwa proġett ieħor li flimkien ma' project Green ħdima fuqu biex sabiex f'din il-leġiżlatura, il-lokalità tagħna jkollha wieħed mill-ikbar parks naturali fis-south. Dan se jkun l-ewwel prġett tax-xorta tiegħu li qatt rat il-lokalità tagħna.

Flimkien ma' dan il-proġett qegħdin naraw li nżidu l-parkeġġi b'aktar minn 100 parkeġġ ġdid li se jkunu frott ta' analiżi li qiegħda ssir għal dan il-għan.

**Skema ta' parkeġġ residenzjali**

Din il-leġiżlatura se naraw li żoni li għandhom sfidi akbar minn żoni oħra fejn jidħol parkeġġ, se nkunu qegħdin niddiskutu biex flimkien ma' Transport Malta nkunu nistgħu nintroduċu parkeġġi residenzjali li joffru aktar serħan il-moħħ lir-residenti Fgurin.

**Proġetti sostenibbli**

Se nkunu qegħdin nfittxu żoni fil-lokalità bħalma huwa l-proġett il-ġdid fi Triq is-Sur biex nitrasformawhomhom f'żoni ħodor u sostenibbli. Dawn se jservu bħala postijiet rikreazzjonali għar-residenti u kif ukoll ċittadini oħra li jżuru l-lokalità tagħna għal dan l-iskop.

**Central Strips**

Se nkomplu niddiskutu ma' Transport Malta biex is-central strips tat-triq prinċipali jiġu mibdulin fi proġett aktar imħaddar billi jitneħħa l-konkos u tiżdied il-flora fihom.

**Kultura**

Inkomplu nkabbru l-attivitajiet ġa stabbiliti fil-lokal taghna bhal Karnival, Il-Mixghela f'Ħamis ix-Xirka u l-attivita tal-Milied « Il-Pjazza fil-Milied » fost l-oħrajn ;

Ma dawn nesploraw li nintroducu attivitajiet oħrajn b'mod partikolari dawk tradizzjonali sabiex inkomplu nsaħħu d-drawwiet li ħallewlna missirijietna ;

Ikomplu minn zmien għal zmien bl-inizjattivi kulturali ghat-tfal kollha tal-Fgura ;

Tkompli l-inizjattiva « Ħiliet il-Fgura » li jidher li għad hemm interess kbir mir-residenti taghna u fl-istess ħin inkunu qed niġbru elenku tal-ħiliet kulturali li għandna fil-Fgura ;

Ikomplu jsiru wirjiet ta' nies professjonali sabiex il-bini tal-Kunsill taghna jigi utilizzat bħala hub kulturali lokali ;

Inkomplu ukoll norganizzaw wirjiet stagjonali bhal ma huma fil-Milied u l-Ġimgħa Mqaddsa ;

Nesploraw kull possibilita ta' opportunitajiet ta' għajnuna mingħand il-Gvern Ċentrali u sorsi oħrajn ;

Nesploraw inizjattivi kulturali ġodda kemm mal-għaqdiet tal-lokal kif ukoll ma ndividwi sabiex inkomplu nkabbru l-kultura fil-lokal tagħna ;

Jigu organizzati korsijiet kulturali bl-involviment tal-għaqdiet tal-lokal sabiex inkomplu nippromovu dak li joffru dawn l-għaqdiet mil-lat kulturali ;

Nieħdu nizjattivi kulturali sabiex dawk il-komunitajiet li ġejjin minn pajjizi oħrajn u li jirresjedu fil-lokal jippartecipaw permezz ta' inizjattivi ta multi kulturalizmu sabiex insaħħu u ngħaqdu l-komunita tagħna dejjem iktar ;

**Wirt Storiku**

Inkomplu bil-harsien tal-monumenti filwaqt li naħdmu sabiex ikollna monumenti godda;

Jinħareġ ktejjeb / informazzjoni ghat-tfal tal-iskejjel sabiex ikollhom l-informazzjoni necessarja fuq il-Fgura li tgħinhom fil-ħidma li jwettqu fosthom proġetti tal-iskola;

Jibda ezerċizzju ta ġbir ta Ritratti antiki (jew kopji taghhom) u li jsiru propjeta tal-Kunsill Lokali;

Nibdew Intervisti ma nies li ghexu/jgħixu jew ħadmu fil-Fgura sabiex iktar il'quddiem jiġu ppubblikati f'ġabra ta' memorji;

Jitkompla minn zmien għal zmien l-ezercizzju ta tismija ta' toroq relatati ma' avvenimenti u/jew personaggi marbuta mal-Fgura ;

Naraw li jsir skedar ta' Bini partikolari jew partijiet minnu li jezisti fil-Fgura u li marbut intrinsikament mal-istorja tal-lokal tagħna;

Naħdmu fuq pubblikazzjonijiet partikolari li jolqtu temi differenti kif ukoll aspetti differenti ta' kif issawret il-Fgura;

Naħdmu sabiex nesploraw il-possibbilita ta' Muzew tal-lokalita fejn fih jinġabar kemm jista jkun materjal dwar il-Fgura u r-residenti li minn zmien ghal zmien ghedu fiha;

**Gemellaġġi , Skambji u Ħidma Internazzjonali**

Tal-inqas isir ftehim ta Skambju wieħed ma' Kunsill Lokali f'Ghawdex ;

Isir mill-inqas gemellagg ma lokalita f'pajjiz barrani sabiex nifthu orizzonti ġodda għar-residenti tagħna ;

Jigu esplorati l-possibilitajiet ta skambji bejn residenti u ghaqdiet mil-lokal ma oħrajn barranin;

Nistabillixxu relazzjonijiet ma' rapprezentanti ta' pajjizi barranin f'Malta sabiex filwaqt li jinħoloq kuntatt, naraw kif nistgħu inġibu l-aħjar għal-lokalita tagħna;

Naħdmu sabiex naraw li nieħdu opportunitajet offruti mill-Unjoni Ewropeja li bihom jibbenefikaw ir-residenti tagħna u dan isir flimkien mal-Kunsillier responsabbli minn dan il-qasam ;

**Ambjent**

Nesploraw iktar kollaborazzjoni mal-Wasteserv sabiex inkabbru l-kultura tar-riciklar ta' oġġetti minflok imorru ghar-rimi;

Isiru kampanji iktar b'saħħithom favur l-ambjent li ngħixu fiħ u noħolqu inċentivi zgħar sabiex il-messaġġ tagħna jasal iktar ;

Fil-ġimgħa li jiġi ċċelebrat Jum l-Ambjent (5 ta' Ġunju), isir program ta' inizjattivi sabiex inkomplu noholqu iktar kuxjenza b'temi differenti kull sena ;

**Sigar**

Isir awditjar tas-Sigar esistenti fit-toroq urbani tal-Fgura ;

Isir programm bi pjan ta' thawwil ta' sigar godda f'postijiet ezistenti u jinħolqu ohrajn godda madwar il-Fgura ;

Issir ħidma ambjentali b'mod partikolari mar-residenti ckejknin taghna imma mhux biss sabiex inqajmu kuxjenza ikbar favur l-ambjent b'mod partikolari fil-kura tas-Sigar fejn dawn ir-residenti jkunu l-protagonisti ta' dan l-ezerċizzju;

Nesploraw il-possibilita ta iktar kollaborazzjoni mar-residenti tal-lokal sabiex jithawwlu iktar sigar u pjanti sabiex inkomplu nsebbhu l-lokal tagħna.

Ikompli l-programm kontinwu ta' kura u tħaris tas-sigar li għandna fil-lokal taghna;

**Anzjani**

Se nkompli nesplora ghal aktar involvement u participazzjoni ta' l-Anzjani fil-Fgura

**Day Centre** Se nara li nzied aktar attendenza mill-Anzjani tal-Fgura (sa issa wara 19 il-Gimgha hemm konkorenza stabli ta' madwar 40 Plus/minus persuna li qed jattendu)

Kif ukoll se nara li l-Anzjani jkunu aktar partecippi waqt l-istess Day Centre.

**Hrug mill-Kunsill**

Se nkompli nahdem qattieh sabiex il-hrug jibpa interessanti (Hrug Kulturali u Edukattiv u ta' Nostalgija). Ghandi hsieb ukoll li wara li nirtira mix-xoghol nkun aktar disponibli ghal aktar u aktar hrug.

**Edukazzjoni**

Inbniet relazzjoni tajba maż-żewġ skejjel primarji, u f'diskussjonijiet li diġa kellna flimkien f'dawn l-aħħar xhur, il-viżjoni tagħna hija li nkomplu ntejbu r-relazzjonijiet eċċellenti li bnejna tul is-snin, billi minbarra programmi edukattiv, inkomplu inqarbu l-iskola lejn il-komunita'. Minbarra korsijiet edukattivi, il-viżjoni taghna hija li;

1. Insaħħu il-qari, il-kitba u l-krejattivita' fost it-tfal tagħna;
2. it-twaqqif ta' Junior Science Club
3 Użu aħjar u kontinwu mil-librerija
4 Impenn aktar flimkien mal-iskola fl-attivitajiet ewlenin tal-komunita' matul is-sena, inkluż festi u ġrajjiet oħra.
5. Inkomplu norganizzaw flimkien il-FestaTFal fix-xahar ta' Mejju, u li issa saret parti importanti fil-kalendarju tagħna.
6. Attivitajiet oħra ad hoc, li jkunu riferuti lilna mill-iskola jew mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, bħall-korsijiet, eċċ.

## Il-Librerija

Wara s-suċċeess bl-organizazzjoni tal-Open Day fil-Librerija Pubblika, u wara li f'temp ta' erba' xhur, l-ammont ta' membri żdied b'madwar 300 persuna, irridu fis-snin li ġejjin mhux biss inkomplu b'inizjattivi simili, u anke inkomplu ninvestu f'aktar kotba ġodda, imma wkoll li nkabbru l-librerija tagħna. Il-ħinijiet tal-librerija bħalissa qed jaqdu tajjeb lin-nies, imma aktar 'il quddiem, nerġgħu nesploraw il-possibilta' u jekk hemmx ħtieġa li nżidu il-ħinijiet speċjalment filgħaxija.

## Ktieb Storja tal-Fgura

Il-pubblikazzjoni ta' ktieb dwar l-istorja tal-Fgura, aktar milli ingħatatli bħala responsabbilta', kont jien stess li tlabtha lis-Sindku preċedenti. Nemmen li pubblikazzjoni ta' ktieb m'għandhiex issir biex tkun saret, imma li ssir għax hemm il-ħtieġa li l-informazzjoni li għandna ngħadduha lil ħaddiehor. Il-ħin li tippubblika ktieb, l-għada jiġi "outdated", għax l-istorja tkompli. Matul dawn is-snin użajt it-teknoloġija, u wassalt ħafna informazzjoni anke permezz ta' diversi artikli ppubblikati.
Waqt li qed nikteb dan il-pjan, nista' ngħid li għadni kif irċevejt aktar informazzjoni importanti minn żewġ familji dwar mumenti mill-istorja. Kommess, li matul din il-leġislatura, inwassal dan il-proġett ta' pubblikazzjoni dwar il-Fgura fi tmiemu.

## Il-Festa tal-Parroċċa

Il-Festi tagħna mhumiex biss parti mill-identita' tagħna imma kienu wkoll dikjarati mill-UNESCO bħala wirt tanġibbli tal-Umanita'.
Meta ngħatajt dan id-dekasteru seba' snin ilu, tajt is-sehem tiegħi biex naraw il-Festa tagħna tkompli tikber. Għaldaqstant se nkompli naħdem fil-qrib mal-Kummissjoni Festa Esterna, mal-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu u mal-parroċċa, biex naraw dejjem fejn nistgħu intejbu u nikkoordinaw aħjar.
Bħala Kunsil, kommessi li nghinu fil-permessi kollha neċessarji, fil-kiri ta' vetturi, bħall-vannijiet, cranes, fire engines, cherry picker, eċċ. Naħdmu id f'id mal-awtoritajiet tal-pulizija, il-LESA, Transport Malta fil-ġranet kemm tal-armar u anke tal-festa, u nissapportjaw inizjattivi li jsiru għall-komunita' bħall-Fgura Fest u l-Lejla Maltija.

Għal dan il-għan qed nipprepara wkoll Manwal tal-Festa, li se jkun jiġbor fih dak kollu, li hu mistenni mill-Amministrazzjoni tal-Kunsill.

**Jum il-Fgura**

Iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Fgura tibqa' l-aktar data importanti matul is-sena fil-ħajja tal-Kunsill Lokali. Kont diversi drabi taħt amministrazzjonijiet differenti, responsabbli mill-organizazzjoni ta' dan il-Jum.

L-attivitajiet prinċipali marbuta ma' Jum il-Fgura huma l-attivitajiet għat-tfal tal-iskola, il-Kunċert Annwali u l-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr segwita miċ-ċerimonja tat-tlugħ tal-bandiera. Il-parteċipazzjoni tal-għaqdiet tibqa' punt importanti f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet.

Minkejja li ttieħdet mir-responsabbilta' tiegħi, nibqa' kommess li nara li dawk kollha li taw kontribut fil-lokal matul is-snin, jingħataw ir-rikonoxximent li jistħoqqilhom.

**Armar tal-Milied**

F'dawn l-aħħar seba' snin kemm ili responsabbli minn dan is-settur, il-Fgura ħadet dehra ġdida fil-Milied. Meta ħadt id-dekasteru f'idejha kien isir armar biss fi Triq Zabbar u Triq Hompesch, flimkien mas-siġra li narmaw fuq ir-roundabout.

L-armar ġie estiż għal Triq il-Karmelitani , kif ukoll għal pjazez ċentrali, biex ħloqna l-ambjent neċessarju biex isiru attivitajiet fil-beraħ.

Matul is-snin li ġejjin se nkunu qed inkabbru is-siġra, u possibilment inżidu aktar armar f'toroq ċentrali, inkluż li jkollna presepju.

Kameras godda u laqghat tad-diversita bil-course tat-3d printing u suppost app kif ukoll naghmel il-project tas- systems of knowledge kif ukoll servers

Esplora maz-zghazagh u attivitajiet mal-youths

Hidma fuq l-elezjoni u ngibu iz-zghazagh konxji fuq kandidati , Zaghzagh jsiru jafu kif jivvutaw fl-elezjonijiet tal-kunsillli lokali

Naghmlu kuncerti l-iskola tal-fgura

**Nisa Fis-Soċjetà**

Attivitajiet diversi ghal Nisa Fis-Soċjetà

Jikkonsistu fil-well-being, edukazzjoni, integrazzjoni, ghajnuna sabiex jippartecipaw f'attivitajiet varji.

**Trasport Pubbliku**

Nixtieq li nkomplu nahdmu sabiex ikollna Karozza Tal-linja li titlaq vojta mill-Fgura specjalment fil-peak hours.
Dan sabiex ahna bhala kunsill nghinu fejn ikun hemm residenti li joqghodu l-boghod minn fejn tghaddi Tal-linja.
Nixtieq li fejn hemm bus stop fil-main road ikun hemm digital screen li juri il-hin li ser jigu Tal-linja, dawn f'lokalitajiet ohra diga` qeghdin installati.
Nirrangaw bus shelters jew naghmlu ohrajn godda fejn m'hemmx.

**Toroq u Infrastruttura**

Għalkemm ħafna mix-xogħol tat-toroq u infrastruttura llum il-ġurnata qiegħed isir minn Infrastruttura Malta, bhala Kunsill ser inkomplu naħdmu id f'id mal-Awtoritajiet sabiex isir aktar toroq. Fil-preżent hemm il-ħsieb li jsiru Vjal il-Kottoner, Triq il-Karmnu, Triq 14 ta' Diċembru, Triq is-Summiena. Iżjed minn hekk ser inkomplu naħdmu bi sħiħ sabiex nagħmlu dawk il-manutenzzjonijiet fuq it-toroq eżistenti. Apparti toroq li ser ikunu qiegħdin jinqgħalu mill-ġdid, ser inkomplu naħdmu sabiex insaħħu l-infrastruttura ġewwa l-Fgura, fosthom jiżdiedu x-xogħolijiet sabiex jiġi preżervat aktar l-ilma tax-xita. Inkomplu b'laqgħat frekwenti ma kull entita' sabiex jiġi identifikati proġetti li se isiru relatati ma toroq; Isir studju b'referenza għall-kundizzjonijiiet preżenti tat-toroq tal-Fgura sabiex ikun hemm redikont ta' kull triq u l-kundizzjoni tagħha.

**Immaniġjar tat-Traffiku**

Inkomplu naħdmu sabiex, fejn huwa possibbli, t-traffiku, speċjalment vettura kummerċjali kbar, ma jibqgħux jgħaddu miċ-ċentru tal-Fgura. Jiġu identitifikati żoni li jistgħu jnaqqsu t-traffiku, bħal isiru ring roads. B'hekk jintaqsu vetturi mit-toroq prinċipali u jew toroq oħra tal-madwar. Jiġu identifikati aktar żoni sabiex isiru parkeġġi ġodda, jew inkella jiżdiedu parkeġġi f'żoni identifikati; Iktar mal-punt t'hawn fuq, jibdew laqgħat mal-Awtoritajiet ikkonċernati sabiex, dejjem jekk possibbli, ċertu żoni ta' parkeġġ isiru residential parkings. Ikomplu l-laqgħat ma dak li għandu x'jaqsam underground parking ġewwa l-Fgura Tiġi introdotta s-sistema ta' slow streets Toroq jew żoni oħra li jiġi pedonali

**Qasam Bini tal-Gvern**

Għalkemm il-Bini tal-Gvern huwa responsabilita tal-Awtorita tad-Djar, bħala Kunsill ser inkomplu naħdmu sabiex inwasslu kull ilment. Ser naħdmu mal-Awtorita sabiex tiġi nstallata s-sistema tal-lifts ġewwa dawn il-proprjetajiet. Inkomplu naħdmu biex inkomplu insebbħu ż-żona tal-Bini tal-Gvern.

**Fondi Ewropej**

Tkompli l-ħidma kontinwa mal-SEM sabiex niddiskutu u finalment napplikaw għal dawk il-fondi, li bħala Kunsill nistgħu napplikaw għalihom. Importanti li jiġi msemmi li mhux kull skema tista' tinxeħet applikazzjoni; Permezz ta' dawn il-fondi, inkunu nistgħu nagħmlu aktar proġetti ta tisbiħ ġewwa l-lokal tagħna; Naħdmu bi sħiħ mal-għaqdiet kollha tal-lokal, fosthom isiru ġemellaġi;

**Proġetti Kapitali**

Tkompli l-ħidma sabiex il-Lokal ikollhu aktar proġetti li jgawdi minnhom ir-resident u kull minn jiffrekwenta dawn l-ispazzji; Bħala Kunsill, nesploraw żoni, għalkemm limitati, li fihom jistgħu isiru spazzji ħodor; Inkomplu naħmdu ma Project Green sabiex naraw l-implimentazzjoni tal-Fgura District Park u Gnien Kottoner

**Soft Areas**

Għalkemm ġewwa l-Fgura ma tantx hawn spazzji miftuħa, bħala Kunsill ser inkomplu naħdmu sabiex inżidu aktar ħdura/ fjuri fit-toroq tagħna - bil-possibilita li jkun hemm aktar fjuri f'roundabouts, central strips, f'kull kantuniera tal-main road u toroq oħra. Isir rendikont ta' kull żona li preżentement qiegħdin jinżergħu xi fjuri jew pjanti oħra. Madanakollu isir studju permezz ta liema jiġu identitifikati żoni ġodda li jistgħu jinbidlu minn żoni mitluqa u/jew fil-preżent huma żoni bil-konkos għal żoni b'aktar ħdura u fjuri. Possibilita li l-Kunsill jaħdem iktar mill-qrib mar-residenti sabiex, kollettivament flimkien, ir-residenti jikkontribixxu billi jieħdu inizzjattiva biex huma stess iżidu aktar pjanti fil-lokal.

**Tberik tal-Annimali**

Attivita annwali fejn jigu mistiedna residenti mil fgura u nies distinti. Bhal f okkazjonijiet ohra ikun sabih li jsir ktejjeb bir ritratti ta min ippartecipa bhala persuna flimkien mal Pet.
Peress li hajja ta pet hi limitata dal ktieb ikollu valur specjali ghal sid l pet.- 2025-2029)

**Mobility week**

(Monday to Sunday) jew Car Free day (Sunday biss). Data dejjem hi fissa. Gimgha jew gurnata t'attivitajiet. L hsieb hu li ssir awareness biex residenti juzaw transport alternattiv filwaqt li l pubbliku ikun jistgha jgawdi aktar toroq vojta bla karozzi. Attivita dejjem ssir L gimgha tal Indipendenza tkun. ATTIVITA ANNWALI 2024 - 2029

**Cycling Lessons**

Inkomplu noffru soluzzjon ta transport alternattiv fost ir residenti taghna u anki nies ta barra lokal, (against a fee ). BHalissa l pajjiz ghandu sfida biex jilhaq miri tal EU u lokal taghna qieghed joffri soluzzjoni. Transport Alternattiv bil fatti u mhux bil kliem biss. Din l attivita tkompli jaghmel il-Fgura fost l aktar lokalitajiet f Malta li jahdmu fuq din l issue ta Transport Alternattiv u edukazzjoni ghat tfal.

**Sports Day**

fi Track tal Atletika. Tkun miftuha ghat tfal kollha u nistghu naghmluwa b kollaborazzjoni mal Fgura United. L Akbar ghaqda fil lokal ii hemm tfal sportivi. Din tistgha ssir wkoll m Issac peress il jiehu hsieb iz zghazagh.

**MFA Women Football**

Peress li ghandi kuntatti tajbin kemm mal MFA Women u players tat tim nazzjonali, nistghu norganizzaw hargiet ghat tfal f lghobiet internazzjonali specjalment dawk decizivi ghat team. Wara loghoba min jigi ikun jistgha jiltaqgha b mod personali mal players wara li nkun ghamilt l arrangamenti mehtiega. Biljetti ghal lghoba jkunu b Xejn.

**Swimming Lessons**

ghal- Beginnners. DIga kelli laqgha mal Assitent tal Ministru tal Edukazzjoni u Sports gewwa l' ufficju tieghu fl education department.fejn ghidtilhom li interessat li norganizza dan il kors. Tlabt li jkoli hin allokat sabiex tintuzgha il pixxina l gdida tal-Kottonera. Dal kors fondamentali bhala lifesaving u anki li tighallem tghum hi xi haga bazika fil hajja

**First Aid Courses**

Specjalment relatati ma' lifesaving bhal Heart Attack f' uzu ta Defribilators u anki CPR. Jekk persuna ma ssibx min jghina f inqas min 2 minuti mindu jtijha l attakk din titlef hajjitha.

**Animal Care**

Inkomplu nahdmu ghal gid tal annimali u id f idi mal feeders. La darba ma jkunx hemm skemi mil gvern inkunu ahna li ntaffu ftit mil ispejjes ghal feeders billi noffrulhom ikel b xejn. Naraw li jkollna chat shelters adegwati ghal qtates ta triq filwaqt li ahna bhala kunsill nkomplu nipprovodu servizz ta self ta traps u recovery cages lir residenti kollha tal Fgura.